MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 23/2023 LM

**Sefora Cassar (K.I. nru. 569085M)**
*('l-appellata')*

***vs***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fis-16 ta' Ottubru, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda l-appell ippreżentat mir-rikorrenti **Sefora Cassar (K.I. nru. 569085M)** [hawnhekk 'l-appellata'] mid-

deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali fil-konfront tagħha fit-12 ta' Lulju, 2021, kif ġej:

> "*Għaldaqstant l-appell huwa milqugħ u d-deċiżjoni tad-Direttur in mertu tat-12 ta' Lulju, 2021 huwa dikjarat null u bla effett.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta mill-intimat fl-20 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-*Allowance għal Carers* li kienet applikat għaliha, ġiet approvata, u hija kienet ser tibda tirċievi ħlas fl-ammont ta' €96.22 fil-ġimgħa b'effett mis-17 ta' Lulju, 2021, flimkien ma' xi ħlasijiet addizzjonali oħra. Fl-istess ittra, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa mill-intimat li jekk ikun hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha li jista' jaffettwa l-ħlas ta' dan il-benefiċċju, hija għandha tinforma b'dan lill-Uffiċċju Distrettwali tad-Dipartiment. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrenti ġiet infurmata li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €16,163.55 *f'Allowance miżjuda għal Carers* u dan għall-perijodu bejn is-27 ta' Lulju, 2019 sas-16 ta' Lulju, 2021, għaliex il-persuna li hija kienet tieħu ħsieb, missierha kien daħal f'*home.* Fl-appell tagħha lill-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li filwaqt li huwa minnu li missierha kien daħal f'*home,* fl-istess perijodu hija kienet qiegħda ddur b'ommha, li ukoll għandha bżonn lil xi ħadd jieħu ħsiebha.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li l-awtorizzazzjoni għall-*Allowance għal Carers* daħlet fis-seħħ b'effett mis-17 ta' Lulju, 2021, wara li fit-23 ta'

Ġunju, 2021, ir-rikorrenti għamlet applikazzjoni għall-ħlas ta' din l-*allowance,* fejn iddikjarat li kienet qiegħda ddur b'ommha.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi milqugħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-Arbitru:*
>
> *Dan l-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datata 12 ta' Lulju, 2021 fejn intalbet ir-rifużjoni fl-ammont ta' €16,163.55 mingħand l-appellanti liema ħlas kien* Allowance *Miżjuda għal* Carers. *Il-perijodu konċernat huwa għal bejn 27.07.19 sa 16.07.21 u r-raġuni kien minħabba illi l-pazjent daħal* home.
>
> *Fl-appell l-appellanti spjegat illi kien minnu illi missierha kien daħal* home *iżda kienet qed tieħu ħsieb lil ommha.*
>
> *Id-Direttur fir-risposta tal-appell spjega illi l-appellanti kienet tirċievi* allowance *miżjuda għal* carers *ICRA sas-16.07.21 billi kienet qed iddur b'missierha Emanuel Attard (83943M). Fit-22 ta' Ġunju, 2022 l-appellanti marret fl-uffiċċju Distrettwali biex twaqqaf dan il-benefiċċju. Minn stħarriġ irriżulta illi Emanuel Attard kien ilu rikoverat f'Casa San Paolo mis-7 ta' April, 2018 u trasferit għal Casa San Giuseppe fid-9 ta' Marzu, 2019. Għalhekk l-appellanti ma kienitx għadha intitolata għal din l-* allowance.
>
> *Fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2022 l-appellanti spjegat illi meta marret biex l-uffiċċju distrettwali tal-Marsa tapplika fuq ommha wara li missierha daħal f'*home *ma kienux joħorġu karti u ma kienet iffirmat ebda applikazzjoni. Hemmhekk kienu qalulha verbalment illi kien inqaleb kollox fuq ommha.*
>
> *Fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2022 l-appellanti kkonfermat illi kienet ingħatat* allowance *għal* carer *għal ommha fl-20 ta' Lulju, 2021. Muri dan id-dokument id-Direttur ikkonferma d-deċiżjoni appellata.*

*L-appellanti esebiet ukoll ċertifikat maħruġ mit-Tabib Dr. Joseph Zammit. Dan iċ-ċertifikat, datat 26 ta' Ġunju, 2019, jikkonferma li omm l-appellanti kellha bżonn assistenza kontinwa u li din kienet qed issir mill-appellanti.*

***Ikkunsidra***

*Is-sitwazzjoni li għandu quddiemu l-Arbitru hija ċertament sitwazzjoni antipatika. Si tratta ta' sitwazzjoni li tidher li hija ġenwina fis-sens illi l-appellanti ma ċaħdet assolutament xejn minn dak li ġie lilha spjegat mid-Direttur. Effettivament huwa minnu li missierha daħal f'*home *fil-perijodu konċernat. Huwa minnu wkoll li l-appellanti baqgħet tipperċepixxi l-*allowance *relattiv meta mhux suppost irċevietu. Hi ħasbet illi peress li kienet qed tibda ddur b'ommha l-*allowance*, biex ngħidu hekk, kemm inqaleb fuqha. Spjegat ukoll illi hi kienet marret l-uffiċċju distrettwali tal-Marsa u infurmathom bis-sitwazzjoni ta' missierha u ta' ommha. Hemmhekk, skont hi, verbalment ġiet infurmata illi ma kien hemm xejn li kellha tagħmel. Fil-kuntest huwa importanti d-dikjarazzjoni minn tabib illi omm l-appellanti verament kellha bżonn kura.*

*Għaldaqstant il-kwistjoni li għandu quddiemu l-umpire huwa jekk l-ispjegazzjoni li ngħatat mill-appellanti li ġiet infurmata verbalment li ma kellha bżonn tagħmel xejn hux biżżejjed biex iddawwar id-deċiżjoni tad-Direttur. L-appellanti ċertament żbaljat li ma ħaditx almenu isem min qalilha dan id-diskors.*

*Mhux l-ewwel darba li quddiem dan it-Tribunal jingħata informazzjoni illi appellant meta tmur ġo uffiċċju distrettwali tingħata informazzjoni biss verbalment. L-Arbitru għaldaqstant jaċċetta illi lill-appellanti ngħatat din l-informazzjoni. Huwa importanti wkoll li jiġi nnutat illi bil-ħlas li sar lill-appellanti, ekwament si tratta ta' ammont simili jekk mhux addirittura fl-istess sitwazzjoni fejn il-ħlas kien jinqaleb fuq l-omm minn fuq il-missier.*

*Għaldaqstant, l-Arbitru, fuq il-fatti jasal għall-konklużjoni illi l-ispjegazzjoni tal-appellanti hija meritevoli li tiġi aċċettata.*

*Għaldaqstant l-appell huwa milqugħ u d-deċiżjoni tad-Direttur in mertu tat-12 ta' Lulju, 2021 huwa dikjarat null u bla effett."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-17 ta' Novembru, 2023, id-Direttur Ġenerali intimat talab lil din il-Qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju, 2021.

6. L-appellant spjega li fit-22 ta' Ġunju, 2021 intbagħat *email* intern sabiex titwaqqaf l-*Allowance Miżjuda għal Carers* li kienet tirċievi l-appellata talli kienet tieħu ħsieb lil missierha Emmanuel Attard. L-appellant spjega li minn stħarriġ li sar mid-Dipartiment, ġie stabbilit li missier l-appellata kien daħal fil-*home* Casa San Paolo mis-7 t'April, 2018, u wara ġie rikoverat ġewwa Casa San Giuseppe b'effett mid-9 ta' Marzu, 2019. Dan ifisser li għall-perijodu bejn is-27 ta' Lulju, 2019 sas-16 ta' Lulju, 2021, l-appellata ma kienitx intitolata għall-benefiċċju *ai termini* tal-artikolu 68(1)(b) tal-Kap. 318, li jirregola l-mod kif għandu jitħallas dan il-benefiċċju. L-appellant qal li fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2022, l-appellata qalet li hija marret l-Uffiċċju Distrettwali tal-Marsa sabiex tapplika għall-*allowance għal carer* abbażi tad-dipendenza ta' ommha, u dakinhar ma ngħatat l-ebda applikazzjoni jew karta x'tiffirma. Qalet ukoll li l-ħaddiema fl-Uffiċċju Distrettwali qalulha li l-*allowance* li kienet tirċievi għal missierha, setgħet tinqaleb fuq ommha.

7. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japprezza tajjeb il-provi miġjuba quddiemu, u applika l-liġi b'mod skorrett. Qal li l-Arbitru kellu jiddeċiedi jekk bejn is-27 ta' Lulju, 2019 u s-16 ta' Lulju, 2021, l-appellata kienitx intitolata għall-*Increased Severe Disability Allowance* abbażi tal-applikazzjoni li kienet għamlet fuq

Emmanuel Attard. Qal li l-għoti ta' din l-*allowance* huwa regolat bl-artikolu 68 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.[1] L-appellant qal li l-Arbitru ddeċieda li mhuwiex minnu li l-appellata rċeviet *allowance* li mhux suppost li baqgħet tirċievi, imma fil-qofol tal-konsiderazzjonijiet tiegħu ddeċieda li ladarba l-appellata kienet qiegħda ddur b'ommha, dan il-benefiċċju seta' jibqa' jingħata lilha mingħajr applikazzjoni ġdida, u mingħajr ma jsiru l-verifiki l-oħra neċessarji. Qal li kieku d-Dipartiment kellu jimxi b'dan il-mod, ikun qiegħed jonqos milli jonora l-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba, għaliex biex wieħed jirċievi dan il-benefiċċju, wieħed irid japplika għalih, u mhux kif ħasbet l-appellata li tista' taqbad u taqleb il-benefiċċju minn fuq persuna għal oħra.

8. L-appellant żied jgħid li hemm diskrepanza sostanzjali bejn ir-rata ordinarja għal *allowance għal carer* u l-*allowance miżjuda għal carer,* u din id-differenza hija konsegwenza tal-punteġġi li jiġu kkalkolati abbażi tal-*Barthel Index of Activities of Daily Living.* Qal li l-Arbitru naqas milli jieħu konsiderazzjoni ta' dan l-aspett, fuq il-presuppożizzjoni li l-appellata kienet intitolata abbażi tad-dipendenza ta' missierha, u għalhekk kienet eliġibbli bl-istess mod abbażi tad-dipendenza tal-omm. L-appellant spjega li l-benefiċċji mhux kontributorji mhumiex trasferibbli, u għalhekk l-Arbitru kellu jassigura li d-Direttur Ġenerali appellant, abbażi tal-informazzjoni li kellu quddiemu fil-mument tad-deċiżjoni

---

[1] 68. 1(a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna miżżewġa jew mhux miżżewġa jew persuna li tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur, billi tippreżenta d-dokumenti meħtieġa, li tkun ikkoabitat f'ċirkostanzi simili għal żwieġ, unjoni ċivili jew koabitazzjoni reġistrata għal mill-inqas għaxar (10) snin minnufih qabel l-applikazzjoni u li tali koabitazzjoni ma kintix reġistrata minħabba proċeduri legali pendenti li tkun għadha ma laħqitx l-età tal-pensjoni u li tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li tkun ċittadin ta' Malta jew ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea u tkun tirrisjedi b'mod permanenti f'Malta, ikollha d-dritt għal Allowance għal Carer skont is-subartikolu (2)(a), jekk dik il-persuna tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hi tkun qed tieħu ħsieb, waħedha, fuq bażi full-time u regolarment tal-konjugi jew tal-ġenitur tagħha jew ħuha, oħtha, nannitha, zijuha, zijitha, missier jew omm tar-rispett jew ħuha jew oħtha tar-rispett u li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar ta' abitazzjoni ta' dik il-persuna.

kienx korrett fid-deċiżjoni li ħa jew le. Qal ukoll li l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-prinċipju li omm l-appellata verament kellha bżonn il-kura, abbażi ta' ċertifikat mediku esebit, imma dan naqas milli jistabbilixxi l-livell ta' dipendenza tal-omm fuq l-appellata, u r-rata applikabbli għall-istess dipendenza. L-appellant qal li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru straħ kompletament fuq id-dikjarazzjoni tal-appellata li hija qagħdet fuq l-informazzjoni li ngħatat mid-Dipartiment tas-Siġurtà Soċjali, li hija ma kellha bżonn tagħmel xejn biex il-benefiċċju jinqaleb minn fuq missierha għal fuq ommha. Qal li dawn l-allegazzjonijiet tal-appellata ma ġewx korroborati, u l-appellata ma ġabet l-ebda prova li mill-Uffiċċju Distrettwali kienu qalulha hekk. Qal li huwa jsibha ferm diffiċli jemmen li l-appellata verament ingħatat din l-informazzjoni, għaliex l-uffiċjali fl-Uffiċċju Distrettwali ċertament huma nfurmati sew dwar il-benefiċċji, u jafu li l-benefiċċji mhux kontributorji mhumiex trasferibbli. Qal li fil-korrispondenza interna tat-22 ta' Ġunju, 2021, ġie stabbilit li l-appellata marret fl-Uffiċċju Distrettwali sabiex twaqqaf l-*allowance miżjuda għal carers,* u mhux biex tittrasferixxi l-benefiċċju.

9. L-appellant qal li l-Arbitru ma kellux jiddeċiedi dwar jekk l-appellata kienitx dovuta *allowance* għal ommha jew mod ieħor. Qal li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija *ultra vires* għaliex tmur oltre dak li kellu jiddeċiedi, u l-fatt li l-appellata kienet iddur b'ommha u ppreżentat ċertifikat li jindika li ommha wkoll kellha bżonn l-għajnuna, ma jfissirx li b'hekk hija kienet eżonerata milli terġa' tapplika għal *carers allowance* abbażi tad-dipendenza ta' ommha. L-appellant qal li dan huwa obbligu li kellu jiġi sodisfatt mill-appellata, u mhux obbligu tad-Direttur Ġenerali appellant, li meta jkollu prova li xi ħadd huwa dipendenti fuq

l-ulied, jaqbad u jittrasferixxi l-benefiċċju relattiv. L-appellant qal li kieku d-Dipartiment kellu jimxi b'dan il-mod, allura ħadd ma japplika, u kulħadd jistenna lid-Dipartiment jinduna bis-sitwazzjoni u jagħtih il-benefiċċju. Qal li kien obbligu tal-appellata li tinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, u r-rata applikabbli għad-dipendenza ta' ommha mhux neċessarjament li hija l-istess rata li kienet tapplika fil-każ ta' missierha. Qal li abbażi tad-dipendenza ta' omm l-appellata, hija kienet intitolata biss għal *allowance għal carers* u mhux għal *allowance miżjuda għal carers.* Qal li din id-differenza fir-rati applikabbli wkoll ikkreat ħlas żejjed li għandu jitħallas lura mill-appellata.

10. L-appellant qal li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għandu jirriżulta li l-Arbitru naqas milli jimxi fuq dak ipprovdut fil-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja skont l-obbligi imposti fuqu bl-artikolu 108(9) tal-Kap. 318. L-appellant saħaq li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jittollera abbużi, u huwa għandu dritt jiġbor l-ammont li l-appellata tħallset żejjed *ai termini* tal-artikolu 102(1) tal-istess liġi. Qal li għandu jirriżulta li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi kif kien mistenni minnu sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk id-deċiżjoni appellata mhijiex waħda ġusta.

11. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, iżda fis-seduta li saret quddiem din il-Qorti fl-10 ta' April, 2024, l-avukat difensur tal-appellata ppreżentat nota bi tliet sentenzi annessi magħha, għalkemm il-Qorti tqis li dawn is-sentenzi esebiti mhux neċessarjament għandhom xi rilevanza għall-vertenza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali appellant.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi miġjuba quddiemu u naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett]*

13. L-appellant qal li l-Arbitru naqas milli jikkunsidra b'mod korrett il-provi li kellu quddiemu, sabiex jiddeċiedi jekk bejn is-27 ta' Lulju, 2019 u s-16 ta' Lulju, 2021, l-appellata kellhiex tibqa' tirċievi l-*allowance miżjuda għal carer,* u dan in vista tal-fatt li f'dan il-perijodu missierha kien rikoverat f'*home*. L-Arbitru iddeċieda li ladarba jirriżulta li l-appellata kienet qiegħda tieħu ħsieb ommha, hija kellha dritt tibqa' tirċievi l-imsemmi benefiċċju. Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru rrikonoxxa d-diffikultà tas-sitwazzjoni li sab ruħhu fiha ladarba l-appellata kienet ġabet provi li ommha wkoll għadha d-diffikultajiet tagħha.

14. Il-Qorti tirrileva li mill-provi rriżulta li hemm diskrepanza bejn l-*allowance għal carer* (bażika), u l-*allowance miżjuda għal carer* li tiġi stabbilita skont il-grad ta' dipendenza tal-persuna li għalih jingħata dan il-benefiċċju. Fil-każ ta' missier l-appellata, ġie applikat il-*Barthel Index of Activities of Daily Living*, u kien ġie stabbilit li l-appellata kellha dritt tirċievi l-*allowance* miżjuda għaliex kienet qiegħda tieħu ħsieb missierha. Imma jirriżulta li sabiex l-appellata setgħet

tirċievi l-istess tip ta' *allowance* talli tieħu ħsieb ommha, hija kellha tagħmel applikazzjoni ġdida u tippreżenta provi ġodda, u wara jiġi determinat minn bord maħtur apposta, f'liema grad ta' dipendenza taqa' ommha sabiex jiġi stabbilit għal liema tip ta' benefiċċju hija intitolata l-appellata. L-Arbitru ma setax jaqbad u jiddeċiedi li ladarba l-appellata kienet qiegħda tieħu ħsieb lil ommha minflok missierha, il-benefiċċju li hija kienet qiegħda tirċievi talli tieħu ħsieb lil missierha tibqa' tieħdu talli minflok qiegħda tieħu ħsieb lil ommha. Mis-sentenzi ppreżentati mill-avukat difensur tal-appellata, jidher li anki d-difiża tal-appellata hija mibnija fuq dan il-punt, u jidher li l-Arbitru aċċetta bħala fatt li l-appellata allegatament kienet ingħatat informazzjoni skorretta mill-uffiċjali tad-Dipartiment meta marret sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa. Iżda jibqa' l-fatt li l-appellata ma ressqet l-ebda prova li hija kienet kellmet lil xi uffiċjal tad-Dipartiment, ma pprovdietx l-isem tal-persuna li allegatament tkellmet magħha, u fi ftit kliem ma ġabet l-ebda provi sabiex turi li din il-laqgħa seħħet tassew, jew li l-informazzjoni li ngħatat kienet kif qiegħda tispjega l-appellata. Il-Qorti tqis li huwa ferm inverosimili li xi uffiċjal tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta informazzjoni żbaljata lill-appellata, u din aċċettat dak li ntqal lilha bil-fomm, mingħajr ma talbet konferma bil-miktub u mingħajr ma ntalbet tiffirma xejn, meta deċiżjonijiet bħal dawn jirrikjedu ħafna verifiki.

15. Il-Qorti tirrileva li l-appellant għandu raġun jinsisti li d-deċiżjoni tal-Arbitru kienet *ultra vires,* għaliex dak li kellu jiddeċiedi dwaru l-Arbitru ma kienx jekk l-appellata kellhiex jedd tirċievi l-benefiċċju talli hija tieħu ħsieb lil ommha, imma jekk huwiex minnu li l-appellata tħallset *allowance* żejda fil-perijodu ta' żmien meta missierha kien rikoverat f'*home* tal-anzjani. Fil-fatt jirriżulta li fl-ittra

tal-20 ta' Lulju, 2021, l-appellata ġiet infurmata li l-*allowance għal carer* minħabba fid-dipendenza ta' ommha kienet ġiet approvata, u dan ftit jiem biss wara li hija kienet ġiet mgħarrfa li kienet irċeviet ħlas żejjed għaż-żmien li matulu missierha kien rikoverat f'*home*. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-Ekwità]*

16. L-appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li jiddeċiedi abbażi tal-ekwità u tal-ġustizzja, u f'każijiet bħal dawn huwa ma jistax jittollera abbużi jew jippermetti sitwazzjoni fejn persuna ma troddx il-ħlas żejjed li tkun irċeviet mingħajr ma kellha jedd għalih.

17. Il-Qorti tqis l-Arbitru kellu jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli, jiġifieri l-artikolu 2(b) tal-artikolu 68 tal-Kap. 318, li jgħid li hemm ċirkostanzi fejn persuna tista' tkun intitolata għal *allowance miżjuda għal carer* fejn jingħata parir minn panel multidixxiplinarju maħtur għal dan l-iskop. F'dan il-każ jirriżulta li biex jiġi stabbilit jekk l-appellata kienitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi sabiex tingħata l-*allowance* miżjuda fir-rigward ta' ommha, kellu jsir il-proċess tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, b'dokumenti li jippruvaw l-istat ta' saħħa tal-omm, u l-grad ta' dipendenza tagħha. Ċertament li m'hemm xejn ekwu li persuna titħalla żżomm ħlas żejjed li sar lilha sempliċiment għaliex jirriżulta li din qiegħda tieħu ħsieb ġenitur ieħor minflok il-ġenitur li oriġinarjament inħarġet l-*allowance* għalih, meta l-liġi stess tipprovdi għal proċess twil u rigoruż li jrid isir sabiex kemm jista' jkun jiġu evitati abbużi bil-ħlas ta' dawn it-tip ta' benefiċċji. Hawnhekk l-appellant għandu raġun jikkontendi li

ma jistax jittollera sitwazzjoni fejn persuna tkun permessa żżomm għandha flus li ma kienitx intitolata għalihom. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-12 ta' Lulju, 2021. Il-pożizzjoni tal-appellata kif regolata bl-ittra tal-20 ta' Lulju, 2021 li ntbagħtet lilha mid-Direttur Ġenerali appellant, għandha tibqa' impreġudikata.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**